31997R1310

9.7.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 180/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1310/97
tat-30 ta' Ġunju 1997
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 4064/89 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 87 u 235 ta' dan it-Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2];

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

(1) Billi konċentrazzjonijiet b'impatt sinjifikanti f'ħafna Stati Membri li jaqgħu taħt il-limiti msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 fuq il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [4] jistgħu jikkwalifikaw għall-eżami taħt numru ta' sistemi nazzjonali ta' kontrolli fuq għaqda; billi notifika multipla ta' l-istess transazzjoni żżid inċertezza legali, sforz u spejjeż għal kumpanniji u tista twassal għal eżami konfliġġenti;

(2) billi jekk ikun estiż l-iskop tal-kontroll tal-għaqda tal-Komunità għal konċentrazzjonijiet b'impatt sinjifikanti f'ħafna Stati Membri dan jassigura li sistema ta' "ħanut li jiġbor kollox taħt saqaf wieħed" tapplika u tippermetti, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, għal apprezzament tal-impatt tal-kompetizzjoni ta' dawn il-konċentrazzjonijiet fil-Komunità bħala entità sħiħa;

(3) Billi kriterji addizzjonali għandhom ikunu stabbiliti għall-applikazzjoni ta' kontroll tal-għaqda tal-Komunità sabiex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija hawn fuq; billi dawk il-kriterji għandhom jikkonsistu f'limiti ġodda stabbiliti f'termini tad-dħul min-negozju totali tal-impriżi kkonċernati miksuba madwar id-dinja kollha, f'livell ta' Komunità f'ta' lanqas tliet Stati Membri;

(4) Billi fl-aħħar tal-fażi inizzjali ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-limiti kollha applikabbli u kriterji, sabiex il-Kunsill ikun f'posizzjoni, waqt li jaġixxi skond l-Artikolu 145 tat-Trattat, li jbiddel jew jaġġusta l-limiti mposti f'dan ir-Regolament;

(5) Billi huwa xieraq li jkun definit il-kunċett ta' konċentrazzjoni b'tali mod li jkopri operazzjonijiet li jwasslu għal tibdil fit-tul fl-istruttura tal-impriżi kkonċernati; billi fil-każ speċifiku ta' proġetti konġunti huwa xieraq li jkun inkluż mal-iskop u l-proċedura tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89 proġetti konġunti kollha li jagħmlu l-funzjonijiet kollha; billi, b'mod addizzjonali għall-eżami ta' dominanza kif stabbilit fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, għandu jkun provvdut li l-Kummissjoni tapplika l-kriterji ta' l-Artikolu 85(1) u (3) tat-Trattat għal dawn il-proġetti konġunti, sakemm il-krejazzjoni tagħhom għandha bħala konsegwenza diretta restrizzjoni apprezzata ta' kompetizzjoni bejn impriżi li jibqgħu indipendenti; billi, jekk l-effetti ta' dawn il-proġetti konġunti fuq is-suq huma primarjamnet ta' natura strutturali, l-Artikolu 85(1) bħala regola ġenerali ma' japplikax; billi l-Artikolu 85(1) jista' japplika jekk tnejn jew aktar kumpaniji ġenitur jibqgħu attivi fis-suq tal-proġett konġunt, jew, possibilment, jekk il-krejazzjoni ta' proġett konġunt għandha bħala effett tagħha l-prevenzjoni, restrizzjoni jew taħwid tal-kompetizzjoni bejn il-kumpanniji ġenituri fi swieq aktar ogħlja, aktar baxxi, jew ġirien; billi, f'dan il-kuntest, l-istima tal-kunċetti kollha tal-kompetizzjoni tal-krejazzjoni ta' proġett konġunt għandha ssir bl-istess proċedura;

---

[1] ĠU C 350, tal-21.11.1996, pp. 8 u 10.
[2] ĠU C 362, tat-2.12.1996, p. 130.
[3] ĠU C 56, ta' l-24.2.1997, p. 71.
[4] ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 1. Regolament ratifikat b'ĠU L 257, tal-21.9.1990, p. 13 u emendat bl-Att ta' Sħubija tal-1994.

(6) Billi, sabiex ikun ikkalkulat id-dħul min-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji, dħul bankarju huwa kriterju aħjar minn proporzjon ta' l-assi, għaliex dan jirrifletti aktar preċiż ir-rejaltà ekonomika tas-settur bankarju kollu;

(7) Billi għandu jkun espressament provvdut li deċiżjonijiet meħuda fl-aħħar ta' l-ewwel fażi tal-proċedura jkopru restrizzjonijiet direttament relatati u neċessarji għall-implimentazzjoni ta' konċentrazzjoni;

(8) Billi l-Kummissjoni tista tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni fit-tieni fażi tal-proċedura, wara li l-partijiet ikunu kkommettew rwiehom b'mod proporzjonali għal u li jeliminaw kompletament il-problema ta' kompetizzjoni; billi huwa wkoll xieraq li jkunu aċċettati wegħdiet fl-ewwel fażi tal-proċedura fejn il-problema ta' kompetizzjoni tista tkun identifikata malajr u tista tkun solvuta malajr; billi għandu jkun espressament provvdut li f'dawn il-każi l-Kummissjoni tista tehmeż mad-deċiżjoni tagħha kondizzjonijiet u obligazzjonijiet; billi trasparenza u konsultazzjoni effettiva ta' Stati Membri u terzi persuni interessati għandha tkun assigurata fiż-żewġ fażijiet tal-proċedura;

(9) Billi, sabiex ikun assigurat kontroll effettiv, konċentrazzjonijiet għandhom ikunu sospiżi sakemm tittieħed deċiżjoni finali; billi, mill-banda l-oħra, għandu jkun possibbli li titneħħa sospensjoni, fejn xieraq; billi meta tkun qed tittieħed deċiżjoni jekk titneħħiex sospensjoni jew le, l-Kummissjoni għandha tieħu akkont tal-fatturi pertinenti kollha, bħan-natura u gravità tad-dannu għall-impriżi kkonċernati b'konċentrazzjoni jew għal terzi persuni, u t-theddida għall-kompetizzjoni maħluqa bil-konċentrazzjoni;

(10) Billi r-regoli li jigvernaw ir-riferiment ta' konċentrazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u Stati Membri għandhom ikunu rieżaminati fl-istess waqt bħal kriterji addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-kontroll tal-għaqda tal-Komunità huma stabbiliti; billi dawn ir-regoli jipproteġu l-interessi tal-kompetizzjoni ta' l-Istati Membri b'mod adegwat u jieħdu akkont xieraq tas-sigurtà legali u l-prinċipju ta' "ħanut li jipprovdi kollox taħt saqaf wieħed"; billi, madankollu, ċertu aspetti tal-proċeduri ta' riferiment għandhom jitjiebu jew ikunu kjarifikati

(11) Billi, b'mod partikolari, l-Kummissjoni tista tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni biss jekk din ixxekkel kompetizzjoni effettiva f'parti sostanzjali ta' l-istess; billi l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni hija, għalhekk, partikolarment xierqa fejn konċentrazzjoni taffettwa kompetizzjoni fuq suq distint matul Stat Membru li ma jkunx parti sostanzjali tas-suq komuni; billi f'dan il-każ m'għandux ikun neċessarju li turi, fit-talba għar-riferiment, li l-konċentrazzjoni thedded li toħloq jew issaħħaħ posizzjoni dominanti fuq is-suq distint;

(12) Billi għandu jkun possibbli li f'każijiet eċċezzjonali jkun sospiż il-perjodu matul liema l-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni matul l-ewwel fażi tal-proċedura;

(13) Billi għandu jkun espressament provvdut li tnejn jew aktar Stati Membri jistgħu jagħmlu talba konġunta skond l-Artikolu 22 tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89; billi sabiex ikun assigurat kontrol effettiv, disposizzjonijiet għandhom isiru għas-sospensjoni ta' konċentrazzjonijiet imsemmija lill-Kummissjoni minn Stat Membru wieħed jew aktar;

(14) Billi l-Kummissjoni għandha tingħata poter li taddotta disposizzjonijiet li jimplimentaw fejn neċessarju,

Adotta dan ir-Regolament:

Artikolu 1

Regolament (KEE) Nru 4064/89 huwa amendat kif ser jingħad hawn taħt:

1. Fl-Artikolu 1:

(a) paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 22, dan ir-Regolament għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet kollha b'dimensjoni ta' Komunità kif definit f'paragrafi 2 u 3.";

(b) paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, konċentrazzjoni li ma' tilħaqx il-limiti msemmija fil-paragrafu 2 għandha dimensjoni fuq livell tal-Komunità fejn:

(a) il-valur tal-bejgħ dinji totali kkombinat tal-impriżi kollha kkonċernati huwa aktar minn ECU 2 500 miljun;

(b) f'kull wieħed minn ta' l-inqas tliet Stati Membri, il-valur tal-bejgħ totali kkombinat tal-impriżi kollha kkonċernati huwa aktar minn ECU 100 miljun;

(ċ) f'kull wieħed minn ta' l-inqas tliet Stati Membri inklużi għall-finijiet ta' punt (b), il-valur tal-bejgħ ikkombinat tal-impriżi kollha ikkonċernati huwa aktar minn ECU 25 miljun; u

(d) il-valur tal-bejgħ ikkombinat fil-Komunità ta' mill-inqas tnejn mill-impriżi kollha kkonċernati huwa aktar minn ECU 100 miljun;

sakemm kull waħda mill-impriżi ikkonċernati tikseb aktar minn żewġ terzi tad-dħul min-negozju totali tagħha ta' matul il-Komunità f'wieħed u l-istess Stat Membru.";

(ċ) il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"4. Qabel l-1 ta' Lulju 2000 il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Kunsill fuq l-operat tal-limiti u kriterji msemmija f'paragrafi 2 u 3.

5. Wara r-rapport msemmi fil-paragrafu 4 u fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jirrevedi l-limiti u kriterji msemmija fil-paragrafu 3.";

2. Fl-Artikolu 2, il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:

"4. Sal-punt li l-krejazzjoni ta' proġett konġunt li jikkostitwixxi konċentrazzjoni skond l-Artikolu 3 għandha bħala l-oġġett jew effett il-kordinazzjoni tal-imġieba kompetittiva ta' l-impriżi li jibqgħu indipendenti, din il-kordinazzjoni għandha tkun eżaminata skond il-kriterji ta' l-Artikolu 85(1) u (3) tat-Trattat, b'għan li jkun stabbilit jekk l-operazzjoni hija jew le kompatibbli mas-suq komuni.

Meta tkun qed tagħmel dan l-eżami, il-Kummissjoni għandha tieħu akkont b'mod partikolari:

— jekk tnejn jew aktar mill-kumpanniji ġenituri jżommu sa punt sinjifikanti attivitajiet fl-istess suq bħal proġett konġunt jew f'suq li huwa f'livell aktar 'l isfel jew 'l fuq minn dak tal-proġett konġunt jew f'suq ġar li huwa relatat mill-qrib ma' dan is-suq,

— jekk il-kordinazzjoni li hija l-konsegwenza diretta tal-krejazzjoni tal-proġett konġunt tippermettix lill-impriżi kkonċernati l-possibilità li jeliminaw il-kompetizzjoni dwar parti sostanzjali tal-prodotti jew servizzi in kwistjoni.";

3. fl-Artikolu 3, paragrafu 2 għandu jkun emendat kif ser jingħad:

(a) l-ewwel subparagrafu għandu jitħassar;

(b) fit-tieni subparagrafu l-frażi "li ma' tagħtix lok għall-kordinazzjoni tal-imġieba kompetittiva tal-partijiet bejniethom jew bejniethom u l-proġett konġunt' għandha titħassar"

4. Fl-Artikolu 5:

— paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Minflok dħul min-negozju għandu jintuża dan li ġej:

(a) għal istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, rigward l-Artikolu 1(2) u (3), is-somma tal-oġġetti ta' dħul kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 fuq il-kotba annwali u kotba konsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra (*), wara tnaqqis tattaxxa fuq il-valur miżjud u taxxi oħra direttament relatati ma' dawk l-oġġetti, fejn xieraq:

(i) dħul mill-interessi u dħul simili;

(ii) dħul minn ishma:

— dħul minn ishma u ishma oħra bi qligħ varjabbli,

— dħul minn interessi parteċipanti,

— dħul minn ishma f'impriżi affiljati;

(iii) kommissjonijiet li huma riċevuti;

(iv) qligħ nett fuq operazzjonijiet finanzjarji;

(v) dħul operattiv ieħor.

Il-qligħ ta' istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja fil-Komunità jew fi Stat Membru għandha tkopri l-oġġetti ta' dħul, kif definiti hawn fuq, li huma riċevuti minn branka jew diviżjoni ta' dik l-istituzzjoni stabbilita fil-Komunità jew fl-Istat Membru in kwistjoni, skond il-każ;

(b) għall-impriżi tal-assigurazzjoni, il-valur ta' *premium gross* miktub li għandu jkopri l-ammonti kollha riċevuti u li għandhom ikunu riċevuti dwar kuntratti ta' assigurazzjoni maħruġa minn jew f'isem l-impriżi tal-assigurazzjoni, inkluż ukoll premium ta' riassikurazzjoni li għandhom jinħarġu, u wara tnaqqis ta' taxxi u kontribuzzjonijiet parafiskali jew dazji imposti b'referenza għall-ammonti ta' premium individwali jew il-volum totali ta' premji; dwar l-Artikolu 1(2)(b) u (3) (b), (c) u (d) u l-parti finali ta' l-Artikolu 1(2) u (3), premium gross riċevuti mingħand residenti tal-Komunità u mingħand residenti ta' Stat Membru wieħed rispettivament għandhom ikunu kkunsidrati.

(*) ĠU L 372, tal-31.12.1986, p. 1."

— fil-paragrafu 4, is-sentenza introduttorja għandha tinbidel b'dan li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 2, il-valur tal-bejgħ ta' impriża ikkonċernata skond it-tifsira tal-Artikolu 1(2) u (3) għandu jkun ikkalkolat billi jingħaddu flimkien il-valur tal-bejgħ ta' dawn li ġejjin:'";

— fil-paragrafu 5, is-sentenza introduttorja għandha tinbidel b'dan li ġej:

"5. Fejn impriżi ikkonċernati bil-konċentrazzjoni konġunta għandhom id-drittijiet u poteri msemmija fil-paragrafu 4 (b), meta jkun ikkalkolat il-valur tal-bejgħ aggregat tal-impriżi kkonċernati għall-finijiet ta' l-Artikolu 1(2) u (3):'";

5. Fl-Artikolu 6:

(a) fil-paragrafu 1:

— fil-punt (b) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied:

"Id-deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli għandha wkoll tkopri restrizzjonijiet direttament relatati u neċessarji għall-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni.";

— punt (c) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(c) ~~M~~ingħajr preġudizzju għal paragrafu 1 (a), fejn il-Kummissjoni ssib li l-konċentrazzjoni nnotifikata taqa' taħt l-iskop ta' dan ir-Regolament u toħloq dubbji serji dwar il-kompatibilità fis-suq komuni, hija għandha tiddeċiedi li tibda proċeduri.";

(b) il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdiedu:

"1a. Fejn il-Kummissjoni ssib li, wara modifiki mill-impriżi kkonċernati, konċentrazzjoni notifikata m'għadhiex tqajjem dubbji serji skond il-ftehim ta' paragrafu 1 (c), tista tiddeċiedi li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni skond il-paragrafu 1 (b).

Il-Kummissjoni tista żżid mad-deċiżjoni tagħha taħt paragrafu 1 (b) kondizzjonijiet u obbligazzjonijiet maħsuba sabiex jassiguraw li l-impriżi kkonċernati josservaw l-wegħdiet li huma għamlu *vis-à-vis* l-Kummissjoni b'għan li jagħmlu l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni

1b. Il-Kummissjoni tista' tirrevoka d-deċiżjoni li hija tkun ħadet skond il-paragrafu 1 (a) jew (b) fejn:

(a) d-deċiżjoni hija bbażata fuq informazzjoni skorretta li għaliha waħda mill-impriżi hija responsabbli jew fejn kienet akkwistata b' qerq,

jew

(b) l-impriżi kkonċernati jikkommettu ksur ta' obbligazzjoni meħmuża mad-deċiżjoni.

1c. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (b), il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni taħt paragrafu 1, mingħajr ma' tkun marbuta bil-limiti taż-żmien imsemmija fl-Artikolu 10(1).";

6. Fl-Artikolu 7:

(a) paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Konċentrazzjoni kif definita fl-Artikolu 1 m'għandhiex tieħu effett kemm qabel ma tkun notifikata u sakemm hija tkun iddikjarata kompatibbli mas-suq komuni skond deċiżjoni taħt l-Artikolu 6(1)(b) jew l-Artikolu 8(2) jew fuq bażi ta' presunzjoni skond l-Artikolu 10(6).";

(b) paragrafu 2 għandu jitħassar;

(ċ) paragrafu 3 għandu jkun emendat kif ġej:

il-kliem "paragrafi 1 u 2" fil-bidu tal-paragrafu għandhom jinbidlu bil-kliem "paragrafu 1";

(d) paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni tista', fuq talba, tagħti deroga mill-obbligazzjonijiet imposti f'paragrafi 1 jew 3. It-talba sabiex tingħata deroga għandha tkun raġunata. Meta tkun qed tiddeċiedi fuq it-talba, il-Kummissjoni għandha tieħu akkont *inter alia* tal-effetti tas-sospensjoni fuq impriża waħda jew aktar ikkonċernata b'konċentrazzjoni jew fuq terza persuna u t-theddida għall-kompetizzjoni li toħloq il-konċentrazzjoni. Dik id-deroga tista tkun soġġetta għal kondizzjonijiet u obbligazzjonijiet sabiex ikunu assigurati kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni effettiva. Deroga tista' tkun applikata għal u mogħtija fi kwalunkwe ħin, ukoll qabel notifika jew wara t-transazzjoni.";

(e) paragrafu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"5. Il-validità ta' kull transazzjoni esegwita b'kontravenzjoni għal paragrafu 1 għandha tkun dipendenti fuq deċiżjoni skond l-Artikolu 6(1)(b) jew l-Artikolu 8(2) jew (3) jew fuq presunzjoni skond l-Artikolu 10(6).

Dan l-Artikolu għandu madankollu, ikun bla effett fuq il-validità ta' transazzjonijiet f'ishma inkluż dawk konvertibbli f'ishma oħra li jistgħu jkunu negozjati fuq suq li huwa regolat u mgħasses minn awtoritajiet rikonoxxuti minn entitajiet pubbliċi, jopera regolarment u huwa aċċessibli direttament jew indirettament għall-pubbliku, sakemm ix-xerrej u l-bejjiegħ kienu jafu jew imisshom kienu jafu li t-transazzjoni saret b'kontravenzjoni għal paragrafu 1."

7. Fl-Artikolu 8:

(a) paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fejn il-Kummissjoni ssib li, wara modifika mill-impriżi kkonċernati jekk neċessarju, konċentrazzjoni notifikata tissodisfa l-kriterju mpost bl-Artikolu 2(2) u, fil-każijiet msemmija fl-Artikolu 2(4), il-kriterji mposti bl-Artikolu 85(3) tat-Trattat, hija għandha toħroġ deċiżjoni fejn tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni.

Hija tista żżid mad-deċiżjoni kondizzjonijiet u obbligazzjonijiet maħsuba sabiex jassiguraw li l-impriżi kkonċernati josservaw l-weġħdiet li huma għamlu *vis-à-vis* l-Kummissjoni b'għan li jagħmlu l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni. Id-deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni għandha wkoll tkopri restrizzjonijiet direttament relatati u neċessarji għall-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni.";

(b) paragrafu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Fejn il-Kummissjoni ssib li konċentrazzjoni tissodisfa l-kriterju definit fl-Artikolu 2(3) jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 2(4), ma' tissodisfax il-kriterji mposti bl-Artikolu 85(3) tat-Trattat, hija għandha toħroġ deċiżjoni fejn tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija inkompatibbli mas-suq komuni.";

8. Fl-Artikolu 9:

(a) paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fi żmien tliet ġimgħat mid-data ta' riċevuta tal-kopja tan-notifika Stat Membru jista' jinforma lill-Kummissjoni, li għandha tinforma l-impriżi kkonċernati, li:

(a) konċentrazzjoni thedded li toħloq jew issaħħaħ posizzjoni dominanti bħala riżultat ta' liema kompetizzjoni effettiva ser tkun imxekkla b'mod sinjifikanti f'suq f'dak l-Istat Membru, li jippreżenta l-karatteristiċi kollha ta' suq distint, jew

(b) konċentrazzjoni taffettwa kompetizzjoni f'suq matul dak l-Istat Membru, li jippreżenta l-karatteristiċi kollha ta' suq distint u li ma' jkunux parti sostanzjali tas-suq komuni."

(b) fil-paragrafu 3:

— punt (b) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(b) għandu jirreferi l-każ kollu jew parti minnu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat b'għan għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni ta' dak l-Istat.",

— is-subparagarfu li ġej għandu jiżdied:

"F'każijiet fejn Stat Membru jinforma lill-Kummissjoni li konċentrazzjoni taffettwa kompetizzjoni f'suq distint fit-territorju tiegħu li ma' jiffurmax parti sostanzjali tas-suq komuni, il-Kummissjoni għandha tirreferi l-każ kollu jew parti minnu li jirrigwarda s-suq distint ikkonċernat, jekk hija tikkunsidra li dan is-suq distint huwa affetwat.";

(ċ) paragrafu 10 għandu jinibidel b'dan li ġej:

"10. Dan l-artikolu jista jerġa jkun eżaminat fl-istess żmien bħala limiti msemmija fl-Artikolu 1.";

9. Fl-Artikolu 10:

(a) fil-paragrafu 1, it-test li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tat-tieni subparagrafu:,

"jew fejn, wara notifika ta' konċentrazzjoni, l-impriżi kkonċernati jissottomettu weġħdiet skond l-Artikolu 6 (1a), li huma maħsuba mill-partijiet sabiex jiffurmaw il-bażi ta' deċiżjoni skond l-Artikolu 6(1)(b)."

(b) fil-bidu ta' paragrafu 4 il-frażi "Il-perjodu mpost bil-paragrafu 3" għandha tinbidel bil-frażi "Il-perjodi mposti bil-paragrafi 1 u 3";

10. Fl-Artikolu 18:

(a) fil-paragrafu 1 il-kliem: "L-Artikolu 7(2) u (4)" għandhom jinbidlu bil-kliem "L-Artikolu 7(4)";

(b) paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, deċiżjoni sabiex tingħata sospensjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7(4) tista' tittieħed provisorjament, mingħajr il-persuni, impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati jingħataw l-opportunità li jgħarfu l-veduti tagħhom minn qabel, basta li l-Kummissjoni tagħtihom dik l-opportunità kemm jista' jkun malajr wara li tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha.";

11. fl-Artikolu 19, it-test li ġej għandu jiżdied fl-aħħar tal-paragrafu 1:

"Dawn id-dokumenti għandhom jinkludu weġħdiet li huma maħsuba mill-partijiet sabiex jiffurmaw il-bażi għal deċiżjoni skond l-Artikoli 6(1)(b) jew 8 (2)."

12. Fl-Artikolu 22:

(a) paragrafi 1 u 2 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament waħdu għandu japplika għal konċentrazzjonijiet kif definiti fl-Artikolu 3, u Regolamenti Nru 17 (1), (KEE) Nru 1017/68 (2), (KEE) Nru 4056/86 (3) u (KEE) Nru 3975/87 (4) m'għandhomx japplikaw, ħlief rigward proġetti konġunti li m'għandhomx dimensjoni tal-Komunità u li għandhom bħala l-oġġett jew l-effett tagħhom il-kordinazzjoni tal-imġieba kompetittiva tal-impriżi li jibqgħu indipendenti.";

(b) paragrafu 3 għandu jkun emendat kif ġej:

"3. Jekk il-Kummissjoni ssib, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq talba konġunta ta' żewġ Stati Membri jew aktar, li konċentrazzjoni kif definita fl-Artikolu 3 li m'għandha l-ebda dimensjoni tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1 toħloq jew issaħħaħ posizzjoni dominanti bħala riżultat ta' liema kompetizzjoni effettiva tkun mrażżna b'mod sinjifikanti matul it-territorju ta' l-Istat Membru jew Stati Membri li jkunu qed jagħmlu t-talba konġunta, tista', sakemm dik il-konċentrazzjoni taffettwa negozju bejn Stati Membri, taddotta deċiżjonijiet kif hemm provvdut fl-Artikolu 8(2), tieni subparagrafu, (3) u (4)."

(ċ) paragrafu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-Artikolu 2(1)(a) u (b), 5, 6, 8 u 10 sa 20 għandhom japplikaw għal talba magħmula skond il-paragrafu 3. L-Artikolu 7 għandu japplika sa kemm dik il-konċentrazzjoni ma' daħlietx f'effett fid-data li fiha l-Kummissjoni tinforma l-partijiet li saret talba.

Il-perjodu li matulu jistgħu jibdew proċeduri skond l-Artikolu 10(1) għandu jibda fil-ġurnata wara dik ta' riċevuta tat-talba mill-Istat Membru jew Stati kkonċernati. It-talba għandha ssir fi żmien massimu ta' xahar mid-data li fiha l-konċentrazzjoni kient saret magħrufa lill-Istat Membru jew lill-Istati Membri kollha li qed jagħmlu talba konġunta jew affetwati. Dan il-perjodu għandu jibda fid-data ta' l-ewwel minn dawk iż-żewġ avvenimenti.";

(d) fil-paragrafu 5 il-frażi "jew Stati" għandha tiżdied wara l-frażi "matul it-territorju ta' l-Istat Membru";

(e) paragrafu 6 għandu jitħassar;

13. Fl-Artikolu 23:

(a) dawn il-frażi "termini ta' żmien skond l-Artikolu 10" għandha tinbidel bil-frażi "termini ta' żmien skond l-Artikoli 7, 9, 10 u 22";

(b) is-subparagarfu li ġej għandu jiżdied:

"Il-Kummissjoni għandha jkollha l-poter li timponi l-proċedura u l-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni talwegħdiet skond l-Artikoli 6 (1a) u 8 (2)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-konċentrazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' ftehim jew tħabbira jew fejn kontroll kien miksub skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89, qabel l-1 ta' Marzu 1998 u m'għandu fl-ebda ċirkostanza japplika għal xi konċentrazzjoni rigward liema proċeduri kienu mibdija qabel l-1 ta' Marzu 1998 minn awtorità ta' Stat Membru b'responsabbilità għall-kompetizzjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta'Marzu 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 30 ta' Ġunju 1997.

F'isem il-Kunsill

Il-President

A. NUIS